II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' April 2009

fuq talba tal-Irlanda biex taċċetta id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE li tistabbilixxi Netwerk Ewropew ta' Migrazzjoni

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 2708)

(2009/350/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 11a tiegħu,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Mejju 2008, il-Kunsill adottat id-Deċiżjoni 2008/381/KE li tistabilixxi Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni [1] (NEM) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ *id-Deċiżjoni 2008/381/KE*).

(2) B'konformità mal-Artikolu 1 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda, l-Irlanda ma pparteċipatx fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2008/381/KE.

(3) Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll imsemmi, l-Irlanda notifikat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li tixtieq taċċetta id-Deċżjoni 2008/381/KE.

(4) Skont l-Artikolu 11a tat-Trattat il-Kummissjoni adottat opinjoni favorevoli [2] dwar it-talba tal-Irlanda fit-22 ta' Diċembru 2008,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2008/381/KE se tapplika għall-Irlanda.

Artikolu 2

L-Irlanda għandha ddaħħal fis-seħħ d-dispożizzjonijiet meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni 2008/381/KE u għandha tgħarraf lill-Kummissjoni b'dan.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 2008/381/KE se tidħol fis-seħħ fl-Irlanda mid-data tan-notifika tal-Irlanda li biha se taċċetta id-Deċiżjoni 2008/381/KE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' April 2009.

Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Viċi President

---

[1] ĠU L 131, 21.5.2008, p. 7.
[2] C(2008) 8668 finali.